MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2011

Numru. 1211/2008

Il-Pulizija
(Sp Spiridione Zammit)
vs
Ludwig Bugeja, iben Angelo, imwieled Pieta' fil-5 ta' Frar, 1976, Karta ta' l-Identita numru 113276(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fid-9 ta' Novembru, 2008 għal ħabta tas-1.30 p.m. u fil-ħinijiet ta' qabel fil-Qasam Industrijali ta' Kordin, Paola:
1. bil-ħsieb li jagħmel delitt wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt billi pprova jisraq diversi oġġetti minn vettura tal-marka Landrover, bin-numru tar-reġistrazzjoni MAX 600, liema vettura hi propjeta' ta' Carmel Cassar minn Marsaxlokk, liema serq ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu, u li kieku seħħ kien ikun

aggravate bil-mezz, bix-xorta tal-ħaġa misruqa u bil-valur li ma jeċċedix €2,329.37;

2. volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' għamel ħsara fuq il-vettura tal-marka Landrover, bin-numru tar-reġistrazzjoni MX 600, li tammonta għal madwar €820.21, liema ħsara hi ta' aktar minn €116.47 iżda anqas minn €1,165.69, għad-dannnu ta' Carmel Cassar minn Marsaxlokk;

3. sar reċidiv skont l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali wara li kien ġie misjub ħati permezz ta' diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbla tas-seduta tat-23 ta' Marzu, 2011 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' Novembru, 2011 fejn l-imputat reġa tenna l-ħtija tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50, 289, 41(a), 261(b)(ċ)(g), 263(a), 267, 271(g), 278(1)(2)(3) u 325(1)(b)

tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta’ sena priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------